# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tat-72 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tnejn 20 ta' Mejju 2024 fis-6:30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Henry Zaffarese | Viċi Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Raymond Decelis | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**72.01 Talba**

72.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**72.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

72.02.01 Is-S.E. infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**72.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 71**

72.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa numru 71 ġew approvati unanimament. Il-Viċi Sindku ippropona u l-Kunsillier Dingli issekonda.

**72.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

72.04.01 Is-Sindku infurmat li bħalissa għaddej ix-xogħol ta' manutenzjoni fi Triq il-Familja Brancati fejn il-kuntrattur li qed jaħdem huwa l-istess wieħed li kien ħadem fuq il-kisi mill-ġdid ta' l-istess triq. Il-Perit ta' Infrastruttura Malta kellha tmur fuq il-post il-lum sabiex tara li x-xogħol mixi kif meħtieġ u jekk ma jinqala' xejn, sal-ġimgħa d-dieħla ix-xogħol f'din it-triq għandu jkun terminat. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

72.04.02 Is-Sindku rreferiet għal dak li ġie mħabbar mill-Prim Ministru rigward it-*tarmac plant* fejn b'sodisfazzjon tgħid li x-xogħol li sar b'kawtela f'isem ir-residenti Mqabbin min-naħa ta' Kunsill, l-imsemmi impjant mhux se jsir fejn kien propost li jiġi allokat. Il-membri tal-Kunsill ħadu nota ta' dan.

72.04.03 Is-Sindku infurmat li għada 21 ta' Mejju 2024 se jkollha *online meeting* ma' *Transport Malta* u mal-*Malta Public Transport* dwar il-problemi li l-Kunsill ilu jindirizza fir-rigward tal-*bus stop* "Bażilju" fi Triq Karmenu Ciantar. Dan għaliex wara t-talba tal-Kunsill sabiex l-*istage* jimxi 'l quddiem minflok iż-żewġ *parking*

*bays*, jidher li din mhix is-soluzzjoni. Is-Sindku se żżomm lill-Kunsillieri infurmati b'dak li ser jintqal u jiġi deċiż f'din il-laqgħa.

72.04.04 Is-Sindku qalet li għadha kemm ġiet infurmata mill-Ministru Owen Bonnici u mis-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli li l-proġett tal-Ġnien tal-Mentna se jkun qed jiġi inawgurat nhar is-27 ta' Mejju 2024 fin-12:30pm. Is-Sindku kompliet li għal dan l-inawgurar, nordnaw ftit *catering items* u nistiednu lir-rappreżentanti tal-NGOs tar-raħal, lil dawk li ħadmu fuq il-proġett fosthom il-Perit u l-Project Manager, u lil Marisa Pisani. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

72.04.05 Is-Sindku rreferiet għall-konferenza li l-Kunsill kien mistieden għaliha, fejn is-Segretarju Parlamentari Omar Farrugia ħabbar li ser jitqassmu għaxar miljun ewro fuq l-lokalitajiet kollha. Is-Sindku qalet li diġà kellha *onsite meeting* magħhom fejn hija indirizzat ix-xogħol pendenti li kellna bħalma huma l-estenzjoni tal-bankina biex issir iz-*zebra crossing* u estenzjoni ta' bankina oħra fi Triq tas-Sejba, estenzjoni ta' bankina fi Triq il-Friefet, u l-istorm water *culverts* fi Triq Santa Katerina. Is-Sindku semmietilhom ukoll biex forsi jagħmlulna l-Ġnien ta' fuq il-Ġibjun, u appena jiġi ffinalizzat u ffirmat l-*MOU*, ix-xogħol ikun jista' jinbeda. Il-membri preżenti tal-Kunsill ħadu nota ta' dan.

**72.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

72.05.01 Il-Kunsillier Dingli fakkar fil-mera li kien semma f'xi laqgħa preċedenti, biex teħel fi Triq Ħal Kirkop faċċata ta' Triq il-Familja Brancati. Is-Sindku fakkret li l-Kunsillier Dingli kellu jikkonsulta mar-residenti li oġġezzjonaw għal din il-mera, però l-Kunsillier Dingli qal li ma rnexxilux ikellimhom. Wara diskussjoni sħiħa dwar dan, kien hemm qbil li s-Sindku se tipprova tkellem lit-tali residenti hija stess biex forsi naslu għal kompromess dwar l-installazzjoni ta' din l-imsemmija mera li tant hija meħtieġa f'dan is-sit.

72.05.02 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar ir-*road humps* li kien ukoll semma biex isiru fi Triq Karmenu Ciantar u fi Triq id-9 t'April 1942. Is-SE infurmat li wara li tqassmu l-ittri ta' konsultazzjoni lir-residenti ta' dawn iż-żewġ toroq; filwaqt li l-maġġoranza tar-residenti oġġezzjonaw għall-*humps* fi Triq Karmenu Ciantar, ħadd minn Triq id-9 t'April ma' wieġeb lura. Għaldaqstant kien hemm qbil li għandha tintbgħat it-talba għall-approvazzjoni lil *Transport Malta* sabiex isiru r-*road humps* fi Triq id-9 t'April 1942.

72.05.03 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar il-*parking bay* li kien talab sabiex titneħħa minn Triq il-Friefet faċċata ta' entratura ta' *basement garages* għaliex ma jistax jiġi aċċessat minn numru ta' xufiera. Wara diskussjoni rigward din il-*parking bay* inkluż il-*One Way sign* li tneħħiet minn Triq il-Friefet k.m. Triq il-Katakombi, waqt ix-xogħlijiet riċenti ta' asfaltar mill-ġdid tat-triq, kien hemm qbil li nikkomunikaw ma' TM kemm biex terġa' teħel il-*one way sign* kif ukoll biex titneħħa l-imsemmija *parking bay*.

72.05.04 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar it-tabella li kien semma biex titneħħa mill-*bypass* kantuniera ma' Triq Karmenu Ciantar peress li hija kbira u ttellef lix-xufiera. Is-SE qaltlu li se tiċċekkja jekk intbgħatx il-każ lil Transport Malta. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

72.05.05 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar il-*broken line* li kien semma għal Triq iż-Żurrieq, fejn jipparkjaw man-naħa tal-għelieqi. Filwaqt li s-SE qaltlu li se tiċċekkja jekk intbgħatx il-każ lil Transport Malta, is-Sindku talbet biex tgħaddi talba biss biex isiru *double yellow lines* faċċata tal-*garage* li għandu problema ta' aċċess. Il-membri ħadu nota ta' dan.

72.05.06 Il-Kunsillier Dingli staqsa jekk il-*water irrigation* li hemm fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, hux qed jiffunzjona u s-Sindku wieġbet li Ambjent Malta mhux qed tuża l-*irrigation* iżda qed issaqqi bil-*bowser*. Il-Kunsillier ġibed l-attenzjoni wkoll dwar is-siġar li wara t-tisqija, ħafna minnhom qed jispiċċaw kważi jinqalgħu minn posthom u s-Sindku qaltlu li ser tinforma lill-Ambjent Malta dwar dan. Il-Kunsillier preżenti ħadu nota ta' dan.

72.05.07 Il-Kunsillier Sciberras staqsa lis-SE kif inhu sejjer ix-xogħol fl-uffiċċju issa li żdiedu l-ħaddiema. Is-SE infurmat li permezz tal-*Assistant Principal* diġa' inqata' parti sew mix-xogħol li kien pendenti filwaqt li fl-uffiċċju t'isfel sejrin tajjeb ukoll għaliex il-ħaddiema tal-*CWSEF* qed tgħin tajjeb fil-*customer care*. Il-Kunsillier Sciberras staqsa wkoll rigward il-ħaddiema tal-RSSL u l-ERL u jekk hux minnu li kien hemm xi ħadd li ingħata xi penitenza. Is-SE spjegat li l-ħaddiema jaħdmu u jkun hemm ftit problema meta jkun hemm wieħed biss xogħol peress li ħafna mix-xogħol isir mill-inqas bejn tnejn. Is-Sindku kompliet billi spjegat li kienet hi li tat penitenza lil wieħed minnhom għax tkellem żejjed fuq biċċa xogħol li irrifjuta li jagħmel. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

72.05.08 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar it-tabelli tal-iskart li kellhom jeħlu fosthom dik fis-*service road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Is-SE ikkonfermat li propju llum stess waslu t-tabelli msemmija li kienu ġew ordnati u li se tagħti ordni lill-ħaddiema biex iwaħħluhom. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

72.05.09 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar il-*Communal Bays for Blue Badge Holders* ta' Triq in-Nazzarenu u Triq il-Katakombi. Is-SE infurmatu li l-imsemmija *bays* ġew implimentati minn TM. Madanakollu, xorta waħda se terġa' tiċċekkja u tikkonferma dwar dan. Il-membri ħadu nota ta' dan.

72.05.10 Il-Kunsillier Sciberras staqsa x'sar mit-talba għall-*plastic bollards* fi Triq Karmenu Ciantar mat-*traffic island* kantuniera ma' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Is-SE infurmatu li dawn ma' ġewx approvati minn TM għar-raġuni li mhumhix is-soluzzjoni għall-problema li hemm. Infatti is-suġġeriment ta' TM huwa li minflok, għandha tikber iktar it-*traffic island* eżistenti. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

72.05.11 Il-Kunsillier Sciberras staqsa x'sar mit-talba għal *zebra crossing* fis-*service road* li jkunu estensjoni tal-*pellican crossings* fi Triq għal-Konvoj ta' Santa Marija. Is-SE infurmatu li dawn ma' ġewx approvati minn TM u s-suġġeriment ta' TM huwa li minflok, għandhom jiġu nstallati *speed limit signs* u/jew *road humps*. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

72.05.12 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar il-każ tal-lampa tat-triq installata fi Triq l-Aħwa Ghigo. Is-Sindku tat spjega dettaljata ta' x'ġara eżatt, fejn semmiet li nqalgħet ġlieda bejn il-ġirien għaliex jidher li minkejja li ntalab iktar dawl fit-triq, ħadd ma jrid xejn imqabbad mal-faċċata tad-dar tiegħu u kellhom ukoll jinterferu l-pulizija. Wara diskussjoni bejn il-kunsillieri kollha dwar dan il-każ, kien hemm qbil li nitolbu lill-Korporazzjoni Enemalta biex b'referenza għall-*email*, li wieħed mir-residenti konċernati, bgħat lill-Enemalta u lill-Kunsill, jgħidulna x'jissuġġerixxu li għandu jsir issa meta wieħed jikkunsidra li ma jista' jeħel xejn mal-faċċata tad-dar taż-żewġ residenti in kwistjoni.

72.05.13 Il-Kunsillier Decelis reġa' semma x-xogħol ħażin li sar fuq it-tappieri tad-drenaġġ fi Triq Ħal Kirkop. Is-Sindku infurmatu li hija ċċekkjat u qalulha li dawk ma sarux ħażin u li hekk isiru. Il-membri ħadu nota ta' dan.

**72.06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements 2023**

72.06.01 Is-SE infurmat li propju llum irċeviet il-verżjoni finali tal-*Audited Financial Statemens 2023* mingħand l-Awdituri u poġġiethom għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku spjegat li bħala Kunsill ħdimna tajjeb ħafna, saru l-proġetti u ma tħallix dejn. Is-Sindku kompliet li għal kull ħaġa li hemm ippjanata, hemm il-flus biex issir. Il-Kunsillieri kollha preżenti approvaw b'mod unanimu l-imsemmija *Audited Financial Statements 2023*.

**72.07 Rapport Finanzjarju – L-Ewwel Kwart – Jannar /Marzu 2024**

72.07.01 Ir-Rapport Finanzjarju għall-Kwart tas-Sena (Jannar-Marzu 2024) li ġie ppreżentat mis-SE lill-Kunsillieri għall-approvazzjoni tiegħu, ġie approvat b'mod unanimu mill-Kunsillieri preżenti.

**72.08 Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

72.08.01 Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, imtella mill-EAPPS mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, li s-SE ippreżentat lill-Kunsillieri, is-Sindku infurmat li ma kienx hemm minnhom li jinsabu fl-istadju fejn il-kunsill jista' jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu. Għaldaqstant il-Kunsillieri preżenti ma ddiskutew l-ebda applikazzjoni.

**72.09 Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

72.09.01 Korrispondenza mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar Skema Ġonna fl-Urban. Wara diskussjoni dwar din l-iskema, il-Kunsillieri preżenti qablu b'mod unanimu li m'għandnix napplikaw.

72.09.02 Ċirkulari 04/2024 mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar Elezzjonijiet għall-Kunsilli Lokali 2024. Is-SE infurmat li l-ġurnata tal-ġurament tal-ħatra se tkun nhar il-25 ta' Ġunju 2024. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

72.09.03 Korrispondenza mingħand TM dwar il-*plastic bollards* fi Triq Karmenu Ciantar, diskussi iktar kmieni f'din il-laqgħa. Il-Kunsillieri preżenti qablu li għandna ninstu ma' TM għall-installazzjoni tal-*plastic bollards* kif oriġinarjament ġie mitlub għaliex peress li propju biswit it-*traffic island* hemm *plot* li qed tinbena, mhux possibbli li jsir kif suġġeriet mill-istess TM, u *cioè* li tikber it-*traffic island*.

72.09.04 Korrispondenza mingħand TM dwar iż-zebra crossing fis-service road fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, diskussi iktar kmieni f'din il-laqgħa. Il-Kunsillieri preżenti qablu li għandna ninstu ma' TM biex isiru ż-zebra crossings kif oriġinarjament ġie mitlub għaliex dawn possibbli li jsiru fejn m'hemmx garages apparti li hemmhekk mhux ippjanat li jsiru l-ebda charging points.

72.09.05 Risposta mill-Korporazzjoni Enemalta fejn infurmawna li r-*road hump* li inqalgħet b'tali mod li spiċċat tqattat waqt xogħol fuq trinka fi Triq il-Ħajt tal-Matla mill-istess Korporazzjoni Enemalta, ġiet installata mill-ġdid. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

72.09.06 Korrispondenza mingħand residenta li talbet biex f'isem missierha ssir xi tabella jew marki tat-triq biex ikun jista' jidħol u joħroġ bl-*e-kick scooter* mir-residenza tiegħu. Il-Kunsillieri preżenti qablu li għandna nibgħatu nistaqsuha jekk l-imsemmi *scooter* hux it-tip ta' *scooter* li jgħin fil-mobilità ta' missierha, biex jekk inhu l-każ ngħinuha tapplika għal *communal bay for blue badge holders*.

**72.10 Ilmenti u Suġġerimenti**

72.10.01 Il-Kunsillier Decelis staqsa x'sar mill-*gate* li kien issuġġerixxa li ssir fl-entratura ta' Ġnien tal-Mentna. Is-SE infurmatu li d-diżinn tagħha għadu ma wasalx għandha għar-raġuni li l-ħaddiem ma kienx qed jidħol xogħol għal raġuni ta' saħħa. Is-Sindku insistiet biex is-SE tfakkar il-ħaddiem sabiex jipprovdi d-diżinn mill-aktar fis. Il-Kunsillier ħadu nota ta' dan.

72.10.02 Il-Kunsillier Decelis semma r-rampa li tinħtieġ issir fl-aċċess tal-Kappella tad-Duluri, fejn qal li huwa tkellem mal-Kappillan il-ġdid u qallu li kemm-il darba l-Kunsill jista' jgħinu fiha, hu ma jsib l-ebda oġġezzjoni li din issir. Is-Sindku kompliet li fiċ-ċirkostanzi din il-biċċa xogħol għandha tiġi mressqa quddiem il-Kunsill il-ġdid. Il-Kunsillieri peżenti qablu ma' dan.

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


72.10.03 Il-Kunsillier Decelis issuġġerixxa li ssir mini *roundabout* kif toħroġ minn Triq il-Parroċċa għal Triq tas-Sejba. Kien hemm qbil mill-Kunsillieri preżenti li ssir *eForm* u tintbgħat għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

72.10.04 Il-Kunsillier Decelis qal li rċieva kummenti negattivi dwar il-Merħba Sign li sar fir-roundabout tal-Mentna. Kien hemm diskussjoni dwar il-materjal li ntuża il-post fejn ġiet installata u kemm hi viżibbli minn fejn qiegħda. Is-Sindku infurmat li xejn m'hu se jinbidel minn kif sar għaliex ma kien xejn faċli biex din setgħet issir apparti li minkejja l-kummenti kollha, din ġiet tikkumplimenta r-roundabout li qed isir it-tisbiħ fiha wkoll (Ray telaq fit-19.55)

***Il-Kunsillier Ray Decelis telaq mil-laqgħa fit-19.55hrs għal raġunijiet personali.***

72.10.05 Il-Kunsillier Dingli informa li xi ħadd ġibed l-attenzjoni dwar l-inkonvenjent li kien hemm b'*bowser* tal-ilma startjat tard filgħaxija nhar il-Ħamis li għadda ħdejn il-Ġnien tal-Mentna. Kien hemm qbil li ser jiġi ċċekkjat min kien qed jagħmel dan, mill-*cameras* tal-ġnien.

72.10.06 Il-Kunsillier Sciberras talab f'isem resident li l-istop sign fi Triq Santa Katerina kanutniera mal-Pjazza tersaq iktar lejn il-Pjazza. Dan għaliex bil-vetturi tat-trasport pubbliku ipparkjati biswit il-Kappella ta' Santa Katerina, ix-xufiera mhux qed ikunu jistgħu jaraw sew. Is-Sindku qalet li dan il-punt se tiddiskutih fil-laqgħa li għandha għada mal-*Malta Public Transport* u ma' *Transposrt Malta*. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**72.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 08/72**

72.11.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/72 ġiet approvata unanimament.

**72.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

72.12.01 Il-laqgħa ntemmet fid-20:30 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 27 ta' Ġunju 2024 fil-5.30 pm.

Konfermati illum it-Tnejn 20 ta' Mejju 2024.

**Grace Marie Zerafa**
**Sindku**

**Valerie Galea**
**Segretarju Eżekuttiv**